**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**

**Gurisdizzjoni Superjuri**

**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr. Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 11 ta' Lulju 2017**

**Rikors Guramentat Numru:- 16/2016JVC**

**Frederick Zerafa**

**Vs**

**Andrew James Mizzi**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li ppremetta:-

1. Illi nhar id-dsatax (19) ta' Lulju, tas-sena elfejn u hmistax (2015), waqt li l-attur kien qieghed isuq il-vettura tieghu tat-tip Toyota Rav 4 bin-Numru ta' Registrazzjoni SMN-479, fi Triq l-iMgarr, Xewkija, Ghawdex ghall-habta tas-sitta u ghaxra ta' filghodu (06:10) kien involut f'incident awtomobilistiku mal-vettura tal-konvenut tal-marka Mitsubishi Lancer bin-Numru ta' Registrazzjoni DBC-271, liema ncident sehh meta l-

konvenut hareg minn fuq il-give way sign b'kemm kellu sahha u habat mal-vettura tal-attur li kien qiegħed idur mar-roundabout;

2. Illi dan l-incident awtomobilistiku sehh unikament tort u htija tal-konvenut minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;

3. Illi kawza ta' dan l-incident l-attur sofra danni fuq il-vettura tieghu kif ukoll sofra griehi fuq il-persuna tieghu u kellu anke jigi rikoverat l-isptar ghall-kura, kif sejjer jigi spjegat ahjar tul il-process tal-kawza;

4. Illi ghalhekk per konsegwenza ta' dan l-incident, l-attur sofra diversi danni, konsistenti kemm f'danni emergenti u lukri cessanti;

5. Illi l-attur irid jigi kkompensat ghal dawn id-danni, u minkejja diversi nterpellazzjonijiet, il-konvenut naqas milli jersaq ghal xi likwidazzjoni;

6. Illi dan ir-rikors qed isir u qed jigi kkonfermat bil-gurament mill-attur li ghandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti li taw lok ghal din il-kawza;

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-incident hawn fuq imsemmi li sehh fid-dsatax (19) ta' Lulju, tas-sena elfejn u hmistax (2015), fi Triq l-iMgarr, Xewkija, Ghawdex, sehh unikament tort u htija tal-konvenut;

2. Tillikwida dawk id-danni kollha sofferti mill-attur u dan kemm fir-rigward ta' danni emergenti u lukri cessanti, anke bil-ghajnuna ta' perit/i nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas dawk id-danni u lukri hekk likwidati;

Bl-ispejjez kollha nkluz dawk tal-Ittra Ufficcjali Numru 612/2015 tal-15 ta' Settembru, 2015 kontra l-konvenut u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa ngunt.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat li eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

2. Primarjament, dan huwa dovut ghall-fatt li l-incident inkwistjoni sehh unikament tort u htija tar-rikorrenti nnifsu ghaliex kien ir-rikorrent li meta gie biex johrog minn Triq il-Mithna/Triq l-Indipendenza, Xewkija ghal fuq ir-roundabout naqas jesplora tajjeb il-kundizzjonijiet tat-traffiku fuq ir-roundabout, milli jaccerta ruhu li seta' jkompli fi triqtu minghajr ma johloq perikolu ghal min ikun digà qabad dik ir-roundabout, u milli jcedi d-dritt lit-traffiku li kien digà qabad u qieghed idur mar-roundabout, imma ghall-kuntrarju baqa' hiereg sparat fuq ir-roundabout bil-konsegwenza li ma ta l-ebda opportunità lill-esponenti li jevita l-impatt.

3. Kuntarjament ghar-rikorrenti, l-esponenti kien digà qabad ir-roundabout u kien qed idur maghha meta fegg ir-rikorrenti fuq ix-xena minn triq li tinsab fuq in-naha tax-xellug tal-esponenti u ma kien mghobbi b'ebda dmir li jara min seta' eventwalment kien gej minn Triq il-Mithna/Triq l-Indipendenza fil-mument li huwa kien ser jaqbad idur mar-roundabout. Id-dmir tieghu kien li jcedi d-dritta lil min kien gej minn fuq il-lemin tieghu, u dan id-dmir huwa osservah. Ir-ragunijiet l-ghala r-rikorrenti ghamel din il-manuvra azzardata ser jigu ppruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Illi fir-rigward tad-danni reklamati mir-rikorrenti, interament minghajr pregudizzju ghar-risposti precedenti, l-esponenti qieghed minn issa jirrizerva d-dritt li jaghmel dawk il-verifiki u jqajjem dawk ir-risposti li jkunu opportuni wara li r-rikorrenti jikkwantifika l-pretensjonijiet tieghu.

5. Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

6. Illi b'riferenza ghall-paragrafi enumerati tar-rikors guramentat l-esponenti jiddikjara li:

a. Huwa jaqbel mal-ewwel paragrafu limitatament ghall-parti fejn ir-rikorrenti jiddikjara li sehh incident tat-traffiku fil-post, jum u hin indikat mir-rikorrenti bejn il-vetturi rispettivi, imma jichad bil-qawwa l-allegazzjoni li huwa b'xi mod ikkontribwixxa ghall-incident inkwistjoni.

b. It-tieni paragrafu qieghed jigi kkontestat.

c. Mhux ikkontestat li r-rikorrenti sofra xi hsarat per konsegwenza tal-incident, imma l-esponenti qieghed jirrizerva l-pozizzjoni tieghu fir-rigward tal-quantum ta' dawn id-danni.

d. L-istess jinghad ghat-tielet paragrafu.

e. L-esponenti jikkontesta l-pretensjoni tar-rikorrenti li ghandu jkun il-konvenut li jirrispondi ghad-danni sofferti mir-rikorrenti, proprju ghaliex dak li gara sehh tort tal-istess rikorrenti.

Rat il-kontro-talba ta' Andrew James Mizzi li ppremetta:

1. Peress li Andrew James Mizzi, irid jinqeda bir-rikors guramentat ta' Fredrick Zerafa u jipprezenta l-kontro-talba tieghu;

2. U peress li l-incident li sehh fid-19 ta' Lulju 2015 fi Triq l-Imgarr, Xewkija bejn il-vettura SMN479 misjuqa minn Zerafa u DBC 271 misjuqa minn Mizzi sehh unikament tort u htija ta' Zerafa ghaliex dan kien qed isuq bi traskuragni, negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, fosthom li huwa naqas li josserva l-give-way sign li hemm fit-triq li minnha huwa kien hiereg sabiex jaqbad ir-roundabout, u wkoll ghaliex ma kienx fi stat li fih jista' jsuq vettura, kif sejjer jirrizulta fid-dettall fit-trattazzjoni tal-kawza;

3. U peress li per konsegwenza ta' dan l-incident, Andrew James Mizzi sofra griehi gravi fuq il-pesuna tieghu liema griehi qeghdin u sejrin anki jikkagunawlu debilità permanenti;

4. U peress li Andrew James Mizzi ghaldaqstant sofra danni emergenti u lukri cessanti per konsegwenza ta' dan l-incident;

5. U peress li huwa jrid jithallas kumpens gust ghal dawn id-danni;

Talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-incident li sehh fid-19 ta' Lulju 2015 fi Triq l-Imgarr, Xewkija bejn il-vettura SMN479 misjuqa minn Zerafa u DBC 271 misjuqa minn Mizzi sehh unikament tort u htija ta' Zerafa ghaliex dan kien qed isuq bi traskuragni, negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

2. Tiddikjara li ghaldaqstant huwa responsabbli sabiex twiegeb ghad-danni kollha sofferti minn Andrew James Mizzi per konsegwenza ta' dan l-incident;

3. Tillikwida dawn id-danni billi tiddikjara li jikkonsistu f'dawk id-danni emergenti u lukri cessanti li sejrin jigu ppruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Tikkundannah ihallas dawn id-danni kif hekk likwidati.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa msejjah.

Rat ir-risposta guramentata tal-attur rikonvenut ghall-kontro-talba li eccepixxa:

1. Illi t-talbiet kontenuti fil-kontro-talba huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-konvenut rikonvenjenti;

2. Illi kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-incident de quo sehh unikament minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut rikonvenjenti;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, kwalunkwe danni sofferti minn Andrew James Mizzi jridu jigu debitament ippruvati;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Rat illi fil-verbal tat-8 ta' April, 2016 il-partijiet qablu li:

'in vista tal-fatt illi t-tnejn li huma huma assigurati ma' l-istess socjeta' assigurattiva jaqblu li f'dan l-istadju l-provi jinstemghu biss fuq il-kwestjoni tar-responsabilta' ta' l-incident.'

Rat u semghet l-affidavits, xhieda, dokumenti, ritratti u l-provi kollha relatati mar-rsponsabilta' ta' l-incident fl-atti.

Rat illi fil-verbal tat-8 ta' Marzu, 2017 il-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum dwar il-kwistjoni tar-responsabilta' ta' l-incident bil-fakulta' li

l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f'termini mposti fuqhom.

Tiddikjara li hija familjari sew mal-post fejn sehh l-incident u ghaldaqstant ma hassitx il-bzonn li jsir access fuq il-post u lanqas il-partijiet ma hassew il-bzonn li jintalab tali access.

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawa tittratta incident stradali li sehh fid-19 ta' Lulju 2015 bejn il-vettura SMN 479 misjuqa mir-rikorrent Fredrick Zerafa u l-vettura DBC 271 misjuqa mill-intimat Andrew James Mizzi. Il-partijiet jaqblu li dan l-incident sehh fi Triq l-Imgarr, Xewkija, Ghawdex fir-'roundabout' li hemm bejn Triq l-Imgarr gejja mill-Imgarr ghar-Rabat, Triq il-Mithna min-naha tax-Xewkija u Triq il-Madonna tar-Rummiena fuq in-naha l-ohra li taghti ghac-cimiterju tax-Xewkija (ara ritratt mill-ajru a fol. 31 tal-process). Hemm qbil ukoll li l-incident sehh ghall-habta tas-6.10a.m. ta' filghodu. Il-partijiet jaqblu li ghall-habta ta' nofs il-lejl it-tnejn li huma kienu jinsabu gewwa l-Grotta Night Club ix-Xlendi tant li raw lil xulxin izda filwaqt li l-attur baqa' hemm sal-hinijiet kmieni ta' filghodu qabel sehh l-incident, l-intimat isostni li huwa kien ilu mill-anqas erba' sieghat qabel l-incident li telaq mill-Grotta Night Club u li kien wassal lill-'partner' tieghu xoghol il-Grand Hotel u kien fi triqtu lura lejn id-dar.

Ma hemmx kontestazzjoni wkoll bejn il-partijiet li qabel sehh l-incident l-intimat kien gej isuq mid-direzzjoni ta' Ghajnsielem lejn ir-Rabat filwaqt li l-attur kien hiereg minn Triq il-Mithna ghar-'roundabout' sabiex imur lura d-dar tieghu li hija f'Ghajnsielem. Il-partijiet kienu nvoluti f'habta, mhux zghira, bejn il-vetturi taghhom u konsegwenza ta' hekk ir-rikorrent spicca rikoverat l-isptar u skont rapport *ex parte* ta' Mr. Raymond Aquilina (fol. 36 et seq) huwa sofra minn dizabilita' permanenti ta' madwar 2%. Ir-rikorrent jinsisti li l-incident sehh unikament tort tal-intimat ghaliex skont ir-rikorrent huwa kien qabad sew ir-'roundabout' meta l-intimat baqa' ghaddej sparat minn Triq l-Imgarr minghajr ma waqaf fuq l-*'istop sign'*. L-intimat da parti tieghu jsostni li l-incident kien kollu tort tar-rikorrent innifsu li ma waqafx fuq l-*'istop sign'* rispettiva u baqa' hiereg b'konsegwenza li sehh l-incident. L-intimat jaghti x'jifhem ukoll fil-gbir tal-provi li r-rikorrent seta' kien fis-sakra fil-hin tal-incident, li seta' kien fuq il-mobajl u li kellu l-volum tal-muzika gholja hafna.

Illi da parti tieghu r-rikorrent fix-xhieda tieghu jammetti li xorob madwar hamsa vodka bl-orange fil-hin li kien fil-Grotta Night Club filwaqt li l-intimat isostni li ma xorobx aktar minn zewg tazzi xorb alkoholiku. Xhieda mressqa da parti tal-Isptar li xehdu dwar ir-rizultanzi minn ezamijiet li saru lir-rikorrent wara l-incident gewwa l-isptar (fol. 153 et seq – Dr. Joseph Rapa) ikkonfermaw li l-livell ta' alkohol fir-rikorrent kien ezatt mal-limiti ta' dak permess mil-ligi. Ma tressqu l-ebda provi konkreti dwar l-uzu tal-mobajl ta' parti tar-rikorrent u lanqas dwar il-volum tal-muzika. Ix-xhieda tal-intimat li r-rikorrent wara l-incident kien qed icaqlaq rasu mal-muzika hija pjuttost

inverosimili in vista tad-dinamika, gravita' tal-incident u l-fatt li r-rikorrenti spicca sturdut mal-art wara l-incident.

Illi ghalkemm fl-atti tressqu numru ta' persuni jixhdu bosta minnhom pulizija, jirrizulta li l-unici persuni li assistew ghall-incident in kwistjoni kienu biss il-partijiet u hadd aktar ghalhekk ir-responsabilta' tal-istess incident principalment trid tigi deciza minn fuq il-versjonijiet moghtija mill-istess partijiet.

**FATTI**

Jirrizulta li l-ewwel versjoni moghtija mill-partijiet dwar kif sehh l-incident in kwistjoni kienet dik moghtija lill-Pulizija. Ir-rikorrenti jiddeskrivi kif sehh l-incident kif isegwi:

'jien kont hiereg mix-Xewkija u habat go fiha fil-genb. Bqajt sejjer bi dritt u ntlift minn sensiha'. (fol. 28)

L-intimat jiddeskrivi l-incident kif isegwi:

'Jien kont gej f'direzzjoni mix-Xatt lejn ir-Rabat. Qbadt ir-roundabout u hu baqa' hiereg mix-Xewkija'. (fol. 26)

Illi l-partijiet izda taw ukoll il-versjoni taghhom dwar kif sehh l-incident fl-affidavits taghhom fl-atti liema versjonijiet tista' tghid huma ferm aktar dettaljati minn dawk moghtija lill-Pulizija. A fol. 21 et seq tal-

process jinsab l-affidavit tar-rikorrent fejn jiddeskrivi l-incident kif isegwi:

'Il-karozza kienet ipparkjata fejn kien ir-Restaurant 'Il-Kenur', tlaqt lejn ir-Rabat, ghaddejt minn Ghajn Qatet, gejt ix-Xewkija, u gbidt lejn il-Mithna biex nohrog ghal Triq l-Imgarr, fejn qabel kien hemm it-traffic lights. Niftakar li x'hin wasal magenb il-mithna kwazi waqqaft ghal kollox. Jien dak il-hin kont ghaddej bil-mod anke peress li jiena kont gej minn go side street. Harist 'il fuq u 'l isfel, rajt li ma kienux gejjin karozzi mid-direzzjoni tal-Imgarr. F'dak il-mument nghid li ma rajtx karozzi gejjin minn dik id-direzzjoni. Infatti il-*give way sign* li hemm qabel tibda r-roundabout mid-direzzjoni tal-Imġarr kienet clear, jigifieri ma kienx hemm karozzi.

X'hin rajt hekk, jien komplejt miexi biex naqbad ir-roundabout li hemm fis-salib it-toroq. Nghid li kif qbadt ir-roundabout, jigifieri x'hin kont digà qieghed indur mieghu, smajt hoss ta' break twil u jien harist lejn in-naha tal-lemin tieghi u fid-daqqa u l-hin kien hemm impatt qawwi bejn il-karrozza tieghi u karrozza ohra. L-impatt dak il-hin hassejtu li kien fil-genb tieghi fin-naha ta' wara u kien impatt b'sahtu hafna. Konsegwenza ta' hekk il-vettura tieghi spiccat iddur zugraga. Tant hu hekk li bid-daqqa li hadet il-karrozza tieghi fir-rota, spiccat imdawra u mitfugha fuq in-naħa l-ohra tat-triq wicci lejn id-direzzjoni minfejn kont ghadni gej. Il-karrozza tieghi spiccat in-naha l-ohra tat-triq u telghet fuq il-bankina ezattament fejn hemm iz-zebra crossing.

Il-karozza tieghi waqfet titkaxkar ghax sabet il-hajt ta' mal-bankina u l-karozza spiccat waqfet mieghu. Jiena mal-mument ta' l-impatt ma kellix aktar kontroll tal-vettura ghax fil-qawwa ta' l-impatt ma stajtx inzommha. Bl-impatt jiena naf li hbatt rasi ma' l-isteering wheel u wara hbattha wkoll mal-pilastru tan-naha tieghi.

Jiena hekk kif waqfet il-karozza nehhejt is-seat belt minn fuqi, imbuttajt il-bieba tieghi, peress li din kienet bicca minnha miftuha bl-impatt u hrigt minn gol-karozza. Niftakar izda li malli hrigt mill-karozza beda jaghtini l-mejt, intlift minn sensija u waqajt ma' l-art.'

Ir-ritratti li jinsabu esebiti a fol. 24 u fol. 98 tal-process juru s-sit tal-incident wara li sehh appuntu l-incident kif ukoll il-vettura tar-rikorrent kif spiccat. Jidhru wkoll il-'break marks' (dok H u B a fol. 24) li halliet il-vettura tal-intimat liema 'break marks' huma ndikati wkoll fl-iskizz li sar mis-surgent fuq is-sit esebit a fol. 73 tal-process. L-iskizz ufficcjali jinsab esebit a fol. 81 tal-process. Fir-ritratt Dok G a fol. 24 tidher cara d-daqqa fil-vettura tar-rikorrent.

Illi jirrizulta izda fl-atti li ghalkemm fl-affidavit tieghu li gie mahluf f'April 2016 ir-rikorrent isostni li huwa ma rax vetturi gejjin min-naha tal-Imgarr fil-kontro-ezami tieghu jsostni differenti. Fil-fatt waqt il-kontro-ezami tieghu a fol. 126 et seq. ir-rikorrent jammetti li kellu vizwal pjuttost twila tat-triq fuq in-naha tal-lemin tieghu cioe' mid-direzzjoni tal-Imgarr u jghid ukoll li huwa ra l-vettura tal-inimat gejja izda din kienet 'il boghod u ferm lura mill-istop sign u ghalhekk ikkalkula li seta' johrog fuq ir-'roundabout' u dan kif isegwi:

‘L-Avukat Dottor Carmelo Galea: Inti harist f’dak il-mument?

Ix-xhud: Harist iva.

L-Avukat Dottor Carmelo Galea: U ma rajt lil hadd gej f’dik id-distanza kollha qed tghidilna?

Ix-xhud: Rajtu hafna mbieghed mid-distanza.

L-Avukat Dottor Carmelo Galea: Eh rajtu hafna mbieghed, iktar minn daqshekk rajtu mbieghed?

Ix-xhud: Bhalma dik il-karozza li hemm imbieghda.

Il-Qorti: L-ahhar wahda?

Ix-xhud: Ehe. Jigifieri jien kelli cans, jien waqaft fuq il-give way, rajtu mhu gej hadd, rajtu hemm hafna mbieghed, allura kelli cans.

Il-Qorti: Tohrog?

Ix-xhud: Nibqa’ miexi ghar-roundabout.

L-Avukat Dottor Carmelo Galea: Inti zgur li rajtu?

Ix-xhud: Eh? Iva rajtu, imma kien distanza mbieghda.’

Meta rinfaccat mill-Avukat tal-intimat bl-inkonsistenza bejn din il-versjoni u l-versjoni moghtija minnu fl-affidavit ir-rikorrenti jwiegeb:

“Jien li dakinar, dak li nista’ nahseb, mhux nista’  nahseb, li x’hin kont hemmhekk fuq il-give way jien rajtu hafna mbieghed, kien qisu hemm fuq, fhimt’

Meta mistoqsi allura liema hi l-versjoni veritjera jwiegeb:

'It-tnejn li huma qisu . . ghax it-tnejn li huma kien imbieghed, jien kont l-ewwel fejn il-give way nahseb jien . . . jien wara dan iz-zmien kollu nsejt, allura ma nistax nimmagina minn dak iz-zmien sal-lum, dak iz-zmien kollu, ilu fuq sena u nofs. U dakinhar jien intlift minn sensija wkoll, jigifieri d-daqqa gor-ras.'

Illi minn naha l-ohra l-versjoni tal-intimat fl-affidavit tieghu (a fol. 118 et seq) taqra kif isegwi:

'Hekk kif kont ser naqbad ir-roundabout ta' hdejn il-Gozitano, jien naqqast mill-velocità tieghi, imma ma waqaftx ghal kollox. Kif kont qed noqrob lejn ir-roundabout ikkoncentrajt l-attenzjoni tieghi fuq dik il-parti mir-roundabout li tippermetti lill-karrozzi li gejjin mid-direzzjoni tax-Xaghra jaqbdu r-roundabout, kif ukoll stajt nara jekk kienux gejjin vetturi mid-direzzjoni ta' Victoria, u vetturi li kienu qeghdin iduru mar-roundabout fil-mumenti li jiena kont qed navvicina r-roundabout. Fil-fatt ghal min hu gej minn Mgarr, ir-roundabout tinsab f'nizla u tkun tista' tara liberament jekk hemmx vetturi jduru maghha jew joqorbu lejha minn Victoria, u Xaghra. Peress li r-roundabout kienet libera, kif wasalt fuq il-give-way sign, jiena ghafast il-gass sabiex inkompli sejjer fi triqti. Kif ghedt jien kont naqqast mill-velocità imma ma kontx waqaft. Minix f'pozizzjoni li nghid kemm kont ghaddej ezatt fil-mument li kont qieghed fuq il-give-way sign, imma, kif ghedt, meta kont ghaddej fit-triq principali jien kelli velocità ta' qrib, imma inqas minn, sittin kilometru fis-siegha; u la darba kont naqqast, bil-fors li kont ghaddej inqas minn daqshekk.

Kif gejt biex naqbez il-*give way sign*, kif ghedt ghafast il-gass, u f'dak il-mument nilmah vettura li baqghet hierga mix-Xewkija: ma nafx jekk it-triq jisimhiex Triq il-Mithna jew Triq l-Indipendenza. Lil din il-vettura jiena rajtha gejja sparata min-nizla li mic-centru tax-Xewkija taghti ghar-roundabout ftit qabel ma qabdet il-give-way sign. Naf cert li din baqghet hierga minghajr ma waqfet, anzi minghajr ma naqqset l-ispeed x'hin giet biex taqbad il-give-way sign.

F'lehha giet quddiemi. Jiena ppruvajt naghfas il-brakes sabiex nevita l-habta imma kont qrib izzejjed sabiex jirnexxili naghmel dan; u sehh l-impatt. Minhabba d-distanza ravvicinata, tista' tghid li jien kont ghadni ghaddej bl-istess velocità ghaliex il-vettura tieghi ma kellhiex cans titlef xi parti mill-velocità taghha. Naf ukoll li nstintivament ghafast il-horn biex nigbed l-attenzjoni tas-sewwieq l-iehor.

Jien qrajt l-affidavit ta' Frederick Zerafa fejn jghid li jiena lqattu fuq il-parti ta' wara tal-vettura tieghu u nghid li dan assolutament mhux korrett. Bizzejjed wiehed ihares lejn ir-ritratt esebit bhal Dok. G minn Zerafa stess ghaliex dan juri li d-daqqa hadha fuq il-bieba tal-lemin ta' quddiem mentri n-naha ta' wara kien relattivament mhux mimsus. Dan juri kemm kont qrib il-give-way sign ta' Triq il-Mithna/Indipendenza meta Zerafa ddecieda li jibqa' hiereg.

Naghmel ukoll riferenza ghar-ritratt esebit minn Zerafa stess bhala Dokument K, u nghid li fil-mument li jien rajt lil Zerafa l-ewwel darba jien kont bejn wiehed u iehor ftit piedi iktar lura mill-vettura bajdanija li tidher f'dak ir-ritratt miexja fid-direzzjoni lejn Victoria. Il-give-way sign

mid-direzzjoni mill-Imgarr kont digà qbiztha u kont qed inzid il-velocità biex inkompli fi triqti. Fil-fatt, kif jidher mir-ritratt D esebit minn Zerafa nnifsu, il-brake marks tieghi jibdew bejn wiehed u iehor mill-punt fejn jiena qbadt ic-cirku abjad tar-roundabout, jigifieri kwazi fic-centru tar-roundabout."

Fil-kontro-ezami tieghu a fol. 162 et seq l-intimat jibqa' jsostni l-versjoni tieghu izda f'mument minnhom a fol. 164 tal-process jixhed kif isegwi:

'Imma nahseb it-tnejn ahna ma nistghux niddeskrivu kif grat il-habta.'

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar ir-responsabbilta':**

Illi din il-Qorti wara li rat kelma b'kelma, ritratt ritratt il-provi kollha li tressqu fl-atti tasal ghall-konkluzzjonijiet segwenti dwar kif sehh l-incident:

1. Da parti tieghu r-rikorrent mhux konsistenti fix-xhieda tieghu dwar jekk huwa waqafx fuq id-debita 'stop sign' qabel ma hareg ghar-'round about' in kwistjoni. Fil-versjoni moghtija lill-Pulizija ma jsemmi xejn li waqaf, fl-affidavit tieghu jghid li naqqas ftit imbaghad baqa' hiereg x'hin ma ra lil hadd gej min-naha tal-Imgarr filwaqt li fil-kontro-ezami tieghu jerga' jinsisti li waqaf izda jghid ukoll li ra lill-intimat gej fil-boghod u kkalkula li kien jilhaq johrog ghaliex l-intimat ma kienx wasal fuq l-'istop sign' tieghu. Din il-Qorti minn analizi tal-provi kollha tqis li jirrizulta li huwa nverosimili li r-rikorrent waqaf fuq id-debita 'stop-sign',

ghalkemm seta' verament naqqas ftit, u x'hin ra lill-intimat gej fil-boghod ghamel il-kalkolu zbaljat jew li l-intimat kien ser jieqaf mar-'round about' fuq l-'istop sign' jew li kien ser jilhaq johrog.

2. Illi da parti tieghu l-intimat baqa' dejjem konsistenti fix-xhieda tieghu u *ex admissis* isostni li huwa qatt ma waqaf fuq id-debita 'stop-sign' anzi jsostni li meta ra li t-triq kienet 'clear minn kull direzzjoni ghajr dik minn fejn kien gej ir-rikorrent (ghaliex skont hu dik qeghdha fuq ix-xellug allura fi kwalunkwe kaz kellu jieqaf ir-rikorrent) huwa zied il-gass sabiex jibqa' ghaddej fi triqtu. Tant zied il-gass u tant baqa' ghaddej fi triqtu li sahansitra saq minn fuq il-parti c-catta tar-'roundabout' kif jevidenzjaw car ir-ritratti fejn jidhru l-'break-marks' tieghu. Ara b'mod partikolari ir-ritratt a fol. 24 D. Dan jevidenzja li l-intimat lanqas dawwar il-vettura tieghu mad-dawra tar-'roundabout' izda baqa' ghaddej dritt daqs li kieku r-'roundabout' ma kinitx hemm tant kemm kien mghaggel. L-intimat isostni li fl-ebda mument ma ra lir-rikorrent qabel ma dan rah jibqa' hiereg u habtu dan izda ma jezonerahx mill-obbligu tal-'proper look-out'. L-istess intimat jammetti li huwa kellu vizwali tajba tat-toroq li jaghtu ghal gewwa 'round-about' u bhalma jinsisti li r-rikorrent kellu vizwali tajba tieghu l-istess argument japplika bil-kontra u mhux kif isostni l-intimat. Sahansitra fl-affidavit tieghu jghid:

'Dan juri kemm kont qrib il-give-way sign ta' Triq il-Mithna/Indipendenza meta Zerafa ddecieda li jibqa' hiereg.'

Hija din il-parti tax-xhieda tieghu li tikkontradixxi l-bqija tax-xhieda tal-intimat ghaliex bl-argument li jsostni hu stess f'din il-parti tal-affidavit allura l-intimat zgur kellu l-obbligu li jieqaf fuq l-'istop sign' fil-mument li ra lir-rikorrent jibqa' hiereg u mhux jibqa' hiereg.

Din il-Qorti ghalkemm tqis li huwa minnu li legalment l-obbligu kien tar-rikorrenti li jekk jara l-vettura gejja min-naha tal-lemin allura kellu jieqaf fuq l-'istop sign' sakemm l-intimat jghaddi dan izda kif gia nghad ma kienx jezonera lill-intimat mill-jieqaf fuq l-'istop sign' sabiex jaccerta ruhu li huwa 'safe' li johrog fir-'roundabout' f'liema kaz il-probabilta' hi li l-incident ma kienx isehh kif ukoll li xorta wahda jzomm 'proper look-out' anki ghall-vetturi li gejjin minn fuq in-naha tax-xellug u li jfetlilhom kif ghamel ir-rikorrent li jibqghu hergin b'liema kaz ukoll facilment seta' jevita l-incident. Il-fatt li huwa ma rax lir-rikorrent gej ma jfissirx li huwa kien ezonerat li kieku zamm 'proper look-out' bniedem normali kien jara lir-rikorrent gej u jiehu azzjoni biex jevita l-incident. Din il-Qorti wkoll tqis li l-velocita' li l-intimat baqa' ghaddej biha nonostante li kien wasal f'roundabout' ippermettiet aktar li jsehh l-incident u dan huwa evidenzjat mill-impatt qawwi bejn il-vetturi fejn dik tar-rikorrent spiccat daret kompletament fid-direzzjoni opposta u habtet fin-naha l-ohra tat-triq, triq li mihjiex wahda zghira.

Illi din il-Qorti in vista ta' dak suespost tqis allura li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh b'tortijiet imputabbli liz-zewg partijiet. Dan ghaliex kien hemm nuqqasijiet grossolani da parti tar-rikorrent li naqas milli jieqaf fuq id-debita 'stop sign' meta ra lill-intimat gej u naqas li jistenna li l-intimat jghaddi kif kellu obbligu li jaghmel.

Min-naha tal-intimat izda dan ukoll naqas milli jieqaf fuq id-debita 'stop sign' qabel ma pproceda ghal fuq ir-'round-about' x'hin jaccerta ruhu li seta' jaghmel dan b'mod 'safe' anzi ghazel li jibqa' jsuq b'velocita' elevata u naqas milli jzomm 'proper look-out' ghal dak li kien qed jigri fuq in-naha tax-xellug tieghu u cioe' t-triq minfejn baqa' hiereg ir-rikorrent.

Illi ghal dak li huwa apporzjonament tal-htija tal-incident l-Qorti tqis li ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija fejn kull parti setghet facilment tevita l-incident izda naqset milli taghmel dan allura kull parti ghandha tigi allokata nofs ir-responsabbilta' ghall-istess incident.

**Decizjoni**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-ewwel talba tar-rikorrent u l-ewwel talba tal-intimat rikonvenzjonat relatati mad-dikjarazzjoni tar-responsabilta' dwar l-incident awtomobilistiku in kwistjoni u l-eccezzjonijiet relatati kif isegwi:**

1. **Tilqa' in parte l-ewwel talba tar-rikorrent u tilqa' in parte l-ewwel talba tal-intimat rikonvenzjonant u tghaddi sabiex tiddikjara illi l-incident li sehh fid-19 ta' Lulju, tas-sena 2015 bejn il-vetturi misjuqa mill-partijiet SMN 479 u DBC 271 sehh b'tort u htija taz-zewg partijiet u dan f'responsabilta' ugwali bejniethom;**

2. **Tichad it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-intimat f'dik il-parti fejn huma nkonsistenti ma' dak hawn fuq deciz;**

3. **Tichad it-tieni eccezzjoni tar-rikorrenti rikonvenzjonat f'dik il-parti fejn hija nkonsistenti ma' dak hawn fuq deciz.**

**Bl-ispejjez kollha sa dan l-istadju jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-partijiet.**

**Tordna l-kontinwazzjoni tas-smiegh tal-kawza fuq il-bqija tat-talbiet tar-rikorrent u tal-intimat rikonvenzjonant.**

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

**Vera kopja**

**D/Registratur**